MALTA

# QORTI KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH GALEA DEBONO

Seduta tat-8 ta' Marzu, 2010

Numru 21/2008

**Ir-Repubblika ta' Malta**
**Vs**
**Jorgen Brincat**

Il-Qorti,

Rat l-Att tal-Akkuza numru 21 tas-sena 2008 kontra l-akkuzat Jorgen Brincat li bih huwa gie akkuzat talli:
1. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fl-Ewwel Kap illi fl-għoxrin (20) ta' Ottubru tas-sena elfejn u ħamsa (2005) għall-ħabta tal-ħdax u kwart (11.15pm) ta' filgħaxija, l-iskwadra ta' kontra d-droga fi ħdan il-korp tal-Pulizija kienu nfurmati li kien se jkun hemm xi traffikar ta' droga fl- inħawi ta' Tas-Sliema w San Ġiljan u ġiet indikata wkoll vettura tat-tip VW Golf. Il-puliżija bdiet timmonitorja din il-vettura w innutawha tieqaf fl-inħawi ta' tas-Sliema w San Ġiljan b'xi nies ġo fiha, w l-pulizija marret sabiex tinvestiga dan ir-rapport.

Illi mill-investigazzjonijiet irriżulta li l-akkużat Jorgen Brincat, fl- imsemmija data w matul it-tnax–il (12) xahar

ta' qabel iddeċieda li jagħtiha li jmexxi w jittraffika d-droga kokajina illegalmenti billi jbiegħ, iforni w jipprokura l-istess droga illegalment lil diversi persuni f'Malta. Jorgen Brincat xtara l-imsemmija droga kokajina mingħand persuna jew persuni differenti bil-għan li jbiegħha lill-persuni oħra illegalment. Fil-jum ta' qabel ma' l-Pulizija intervjenew f'dan iċ-ċiklu, l-akkużat Brincat kien xtara disa (9) grammi tal-kokajina minn xi persuna jew persuni f'Tas-Sliema, għall-valur ta' madwar tlett mija w ħamsin Liri Maltin (Lm 350) (€815.28) u qasam l-istess droga fi sbatax-il (17) borża bil-għan li jbiegħhom għall-prezz ta' tletin Liri Maltin (Lm 30) cioe'(€69.88) il-borża sakemm iġib flusu, b'dan illi r-rimanenti jżommu hu w jkun jista' jużaha. L-akkużat Brincat stqarr illi hu jbiegħ bi frekwenza ta' jumejn fil-ġimgħa, fil-weekends, u jbiegħ qisu għaxar grammi (10gr) ta' l-imsemmija droga fil-ġimgħa.

Illi b'għemilu l-imsemmi Jorgen Brincat sar ħati talli forna jew ipprokura, jew offra li jforni jew jipprokura d-droga kokajina speċifikata fir-Raba' Taqsima ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi (Kap. 101) lil xi persuna jew għal xi persuna, f'dawn il-Gżejjer jew x'imkien ieħor, jew avża l-imsemmija droga għall-bejgħ, mingħajr ma kellu liċenzja mill- Ministru responsabbli għas-Saħħa w mingħajr ma kien awtorizzat bir-Regoli ta' l-1939 għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi jew minn xi awtorita' mogħtija mill-Ministru responsabbli għas-Saħħa li jforni d-droga msemmija, w mingħajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew awtorizzazzjoni għall-esportazzjoni maħruġa mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id- dispożizzjonijiet tat-Taqsima VI ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, w mingħajr ma kellu liċenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija, w mingħajr ma kellu liċenzja li jipprokura l-istess droga.

Għaldaqstant, l-Avukat Ġenerali, fl-isem fuq imsemmi, akkuża lill- imsemmi Jorgen Brincat talli forna jew ipprokura, jew offra li jforni jew jipprokura d-

droga kokajina speċifikata fir-Raba' Taqsima ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi (Kap. 101) lil xi persuna jew għal xi persuna, f'dawn il-Gżejjer jew x'imkien ieħor, jew avża l-imsemmija droga għall-bejgħ, mingħajr ma kellu liċenzja mill-Ministru responsabbli għas-Saħħa w mingħajr ma kien awtorizzat bir-Regoli ta' l-1939 għall- Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi jew minn xi awtorita' mogħtija mill-Ministru responsabbli għas-Saħħa li jforni d-droga msemmija, w mingħajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew awtorizzazzjoni għall-esportazzjoni maħruġa mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-dispożizzjonijiet tat-Taqsima VI ta' l-Ordinanza dwar il- Mediċini Perikolużi, w mingħajr ma kellu liċenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija, w mingħajr ma kellu liċenzja li jipprokura l-istess droga;

Talab illi jingħamel skond il-liġi kontra l-imsemmi akkużat u li jiġi kkundannat għall-piena ta' priġunerija għal-għomru w multa ta' mhux inqas minn elfejn tlett mija w tletin Euro (€2330) iżda mhux iżjed minn mija w sittax il-elf u ħames mitt Euro (€116,500) u l-konfiska favur il- Gvern ta' kull flejjes jew propjeta' mobbli w immobbli oħra tal-persuna hekk misjuba ħatja skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 9, 10(1), 12, 14(1)(5), 20, 22(1)(a)(2)(a)(i)(3A)(a)(b)(c)(d) u 26 ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi w r-regola 4(a), 8 u 9 tar-Regoli ta' l-1939 għall- Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi w fl-Artikoli 17, 20, 22, 23, 31 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' skond il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

2. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fit-Tieni Kap illi fiż-żmien u ċ- ċirkostanzi ndikati fl-Ewwel Kap ta' Akkuża, w ċioe` fl-għoxrin (20) ta' Ottubru tas-sena elfejn u ħamsa (2005) u matul it-tnax -il (12) xahar ta' qabel, kif ukoll wara investigazzjonijiet ulterjuri li saru mill-pulizija ġewwa r-residenza ta' l-akkużat Jorgen Brincat, instabu sbatax -il (17) borża tal-plastik kontenti trab illi rriżulta, wara l-analiżi meħtieġa li saru, li kienet id-droga kokajina w ċioe' mediċina

perikoluża w illegali ai termini tal-Liġijiet tagħna. Illi din l-imsemmija droga kienet ġiet imqassma mill-akkużat Jorgen Brincat stess bil-għan illi din, jew parti minnha, tinbiegħ lil diversi persuni illegalment.

Illi d-droga Kokajina hija msemmija fit-Taqsima 1 ta' l-Ewwel Skeda li tinsab ma' l-Ordinanza dwar iil-Mediċini Perikolużi.

Illi b'għemilu l-imsemmi Jorgen Brincat sar ħati talli kellu fil-pussess tiegħu d-droga kokajina li għaliha tapplika t-taqsima VI ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi (Kap. 101) u meta' ma' kienx fil-pussess ta' awtorizazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit- Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI ta' l- Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, w meta' ma' kienx bil-liċenza jew xort' oħra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni id-droga msemmija, w ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenza mogħtija mill-Ministru responsabbli għad-dipartiment tas-Saħħa w ma' kienx awtorizzat bir-Regoli ta' l- 1939 għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi jew b'xi awtorita' mogħtija mill-Ministru responsabbli għad-Dipartiment tas-Saħħa li jkollu dik id-droga fil-pussess tiegħu w dik id-droga ma' ġietx fornita lilu għall-użu tiegħu skond riċetta kif provdut fir-Regoli msemmija, w b'dan li r-reat sar taħt tali ċirkostanzi li juru li dak il-pussess ma' kienx għall- użu esklussiv tiegħu.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, fl-isem fuq imsemmi, akkuża lill- imsemmi Jorgen Brincat ħati talli kellu fil-pussess tiegħu d-droga kokajina li għaliha tapplika t-taqsima VI ta' l-Ordinanza dwar il- Mediċini Perikolużi (Kap. 101) u meta' ma' kienx fil-pussess ta' awtorizazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit- Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI ta' l-Ordinanza

dwar il-Mediċini Perikolużi, w meta’ ma’ kienx bil-liċenzja jew xort’ oħra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni id-droga msemmija, w ma kienx b’xi mod ieħor bil-liċenzja mogħtija mill-Ministru responsabbli għad-dipartiment tas-Saħħa w ma’ kienx awtorizzat bir-Regoli ta’ l-1939 għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi jew b’xi awtorita’ mogħtija mill-Ministru responsabbli għad-Dipartiment tas- Saħħa li jkollu dik id-droga fil-pussess tiegħu w dik id-droga ma’ ġietx fornita lilu għall-użu tiegħu skond riċetta kif provdut fir-Regoli msemmija, w b’dan li r-reat sar taħt tali ċirkostanzi li juru li dak il- pussess ma’ kienx għall-użu esklussiv tiegħu;

Talab illi jingħamel skond il-liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta’ għomor il-ħabs u multa ta’ mhux inqas minn elfejn tlett mija w tletin Euro (€2330) iżda mhux iżjed minn mija w sittax il-elf u ħames mitt Euro (€116,500) u l-konfiska favur il- Gvern ta’ kull flejjes jew propjeta’ mobbli w immobbli oħra tal-persuna hekk misjuba ħatja skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 9, 10(1), 12, 20, 22(1)(a)(2)(a)(i)(3A)(a)(b)(c)(d) u 26 ta’ l-Ordinanza dwar il- Mediċini Perikolużi w r-regola 8 tar-Regoli ta’ l-1939 għall-Kontroll Intern fuq id- Drogi Perikolużi w fl-Artikoli 17, 20, 22, 23, 31 u 533 tal- Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista’ skond il-liġi tingħata għall-ħtija ta’ l-imsemmi akkużat.

3. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fit-Tielet Kap illi fil-perjodu ta’ bejn l-għoxrin (20) ta’ Ottubru tas-sena elfejn u ħamsa (2005) u matul it- tnax(12)-il xahar preċedenti w fl-istess ċirkostanzi tal-Kapijiet ta’ Akkuża preċedenti, l-akkużat Jorgen Brincat iddeċieda li jibda jmexxi w jittraffika fid-droga ristretta w psikotropika ecstasy illegalment u dan billi biegħ, kumuluttivament, numru konsidervoli ta’ pilloli ta’ l-imsemmija droga ecstacy lil terzi persuni fejn għall-bidu, f’diversi okkażjonijiet, kien akkwista jew xtara, bil-għan illi jbiegħ illegalment, madwar ħamsa w għoxrin pillola (25) u baqa’ jżid l-ammont ta’ droga sakemm wasal biex f’diversi okkażjonijiet xtara jew

akkwista, bil-għan illi jbiegħ illegalment, mitt (100) pillola ecstasy, dejjem għall-finijiet ta' lukru.

Illi f'okkażżjoni partikolari, w ċioe` fis-Sibt ta' qabel imsemmija ġurnata ta' l-għoxrin (20) ta' Ottubru l-akkużat Jorgen Brincat kien biegħ ħamsin (50) pillola lil terza persuna. L-akkużat Jorgen Brincat kien ibiegħ illegalment l-imsemmija droga għall-prezz ta' madwar ħames Liri Maltin (Lm 5.00) (€ 11.65) b'dan illi kien jagħmel profitt ta' madwar żewġ Liri Maltin (Lm 2.00) (€ 4.66) fuq kull pillola mibjugħa. Fid-darba ta' meta nqabdu mill-Pulizija, w ċioe' fl-għoxrin (20) ta' Ottubru tas-sena elfejn u ħamsa (2005), l-akkużat Brincat kien ftiehem ma' Bjorn Bartolo sabiex jiltaqgħu w jmorru, bil-vettura tat-tip VW Golf, jikkunsinnjaw illegalment mitt (100) pillola tad-droga ecstasy lil persuna oħra bil-għan li jittraffikaw u jbiegħu dawn il-pilloli.

L-imsemmija pilloli ecstasy, li fihom is-sustanza *Methylenedioxymethamphetamine*, li hija *designer drug* magħrufa bħala MDMA, huma kkontrollati w ristretti bil-liġi taħt it-Tielet Skeda, Parti A, tal-Ordinanza Dwar il- Professjoni Medika w l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha, Kapitolu 31 tal-Liġijiet ta' Malta, w l- imsemmi Jorgen Brincat ma kellu ebda permess u awtorizzazzjoni skond l-imsemmija liġi sabiex ikollu fil-pussess tiegħu l-imsemmija pilloli w sustanza.

Illi b'għemilu, l-imsemmi Jorgen Brincat sar ħati talli biegħ jew offra biex ibiegħ il-mediċina perikoluża psikotropika Ecstasy kontenenti s- sustanza *Methylenedioxymethamphetamine*, (li hija designer drug magħrufa bħala MDMA) li huma kkontrollati w ristretti bil-liġi taħt it- Tielet Skeda, Parti A, tal-Ordinanza Dwar il- Professjoni Medika w l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha, Kapitolu 31 tal-Liġijiet ta' Malta, **bi ksur tal-Ordinanza Dwar il-Mediċini Perikolużi**, **Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta,** meta ma kellu ebda awtorizzazzjoni w permess bl- imsemmija liġi sabiex ikun fil-pussess ta' l-imsemmija sustanza.

Għaldaqstant, l-Avukat Ġenerali fl-isem fuq imsemmi akkuża lill- imsemmi Jorgen Brincat, ħati talli biegħ jew offra biex ibiegħ il- mediċina perikoluża psikotropika Ecstasy kontenenti s-sustanza *Methylenedioxymethamphetamine*, (li hija designer drug magħrufa bħala MDMA) li huma kkontrollati w ristretti bil-liġi taħt it-Tielet Skeda, Parti A, tal-Ordinanza Dwar il- Professjoni Medika w l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha, Kapitolu 31 tal-Liġijiet ta' Malta, **bi ksur tal-Ordinanza Dwar il-mediċini Perikolużi, Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta,** meta ma kellu ebda awtorizzazzjoni w permess bl- imsemmija liġi sabiex ikun fil-pussess ta' l-imsemmija sustanza;

Talab illi jingħamel skond il-liġi kontra l-imsemmi akkużat w illi jiġi kkundannat għal piena ta' għomor il-ħabs u multa ta' mhux inqas minn elfejn tlett mija w tletin Euro (€2330) iżda mhux iżjed minn mija w sittax il-elf u ħames mitt Euro (€116,500) u l-konfiska favur il-Gvern tal- oġġetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta' kull flejjes jew propjeta' mobbli w immobbli oħra tal-persuna hekk misjuba ħatja, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 40A u 120A(1)(f)(2)(a)(i), tal-Ordinanza Dwar il-Professjoni Medika w l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha, Kapitolu 31 tal-Liġijiet ta' Malta, kif ukoll fl-artikoli 22A, 22B, 22E, 27, 28 u 30 tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikoluzi (Kap. 101) u fl-artikoli fl-Artikoli 17, 20, 22, 23, 31 u 533 tal- Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' tinstab skond il-liġi tingħata għall-ħtija tal-imsemmi akkużat.

4. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fir-Raba' Kap illi l-istess data w ċirkostanzi tal-kapijiet preċedenti w ċioe' fl-għoxrin (20) ta' Ottubru tas- sena elfejn u ħamsa (2005) u matul it-tnax (12)-il xahar ta' qabel, l- akkużat Jorgen Brincat illegalment xtara w kellu fil-pussess tiegħu pilloli tad-droga psikotropika w ristretta ecstasy. L-akkużat beda billi kien xtara w kellu fil-pusess tiegħu madwar ħamsa w għoxrin (25) pillola ta' l-imsemmija droga w baqa' jixtri w jkun fil-pussess ta' ammonti dejjem akbar ta' l-imsemmija droga fejn kien wasal sabiex f'okkażjonijiet partikolari xtara w

kien fil-pussess illegali ta' mitt (100) pillola tad-droga imsemmija ecstasy, liema xiri w pussess l-akkużat kien jagħmlu sabiex ikun jista' jbiegħ jew iforni lil terżi persuni din l- istess droga jew partijiet minnha. Illi anke waqt l- investigazzjonijiet li għamlet il-pulizija fir-residenza ta' l-imsemmi akkużat Jorgen Brincat f'tas-Sliema sabu pillola (1) waħda ta' lewn blu suspettata ecstasy, illi rriżulta, wara l-analiżi meħtieġa li saru, li kienet id- droga ristretta w psikotropika ecstasy u ċioe' mediċina perikoluża w illegali ai termini tal-Liġijiet tagħna, irriżulta li l-akkużat kien fil-pussess xjenti ta' sustanza perikoluża skond il-Liġi.

L-imsemmija pilloli ecstasy, li fihom is-sustanza *Methylenedioxymethamphetamine*, li hija *designer drug* magħrufa bħala MDMA, huma kkontrollati w ristretti bil-liġi taħt it-Tielet Skeda, Parti A, tal-Ordinanza Dwar il- Professjoni Medika w l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha, Kapitolu 31 tal-Liġijiet ta' Malta, w l- imsemmi Jorgen Brincat ma kellu ebda permess u awtorizzazzjoni skond l-imsemmija liġi sabiex ikollu fil-pussess tiegħu l-imsemmija pilloli w sustanza.

Illi b'għemilu, l-imsemmi Jorgen Brincat sar ħati talli kellu fil-pussess tiegħu l-mediċina perikoluża psikotropika Ecstasy kontenenti s- sustanza *Methylenedioxymethamphetamine*, (li hija designer drug magħrufa bħala MDMA) li huma kkontrollati w ristretti bil-liġi taħt it- Tielet Skeda, Parti A, tal- Ordinanza Dwar il-Professjoni Medika w l- Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha, Kapitolu 31 tal-Liġijiet ta' Malta, **bi ksur tal-Ordinanza Dwar il-mediċini Perikolużi, Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta,** meta ma kellu ebda awtorizzazzjoni w permess bl-imsemmija liġi sabiex ikun fil-pussess ta' l-imsemmija sustanza b'dan li r-reat sar taħt tali ċirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx għall-użu esklussiv tiegħu.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali fl-isem fuq imsemmi akkuża lill- imsemmi Jorgen Brincat kellu fil-pussess tiegħu il-mediċina perikoluża psikotropika Ecstasy

kontenenti s-sustanza *Methylenedioxymethamphetamine*, (li hija designer drug magħrufa bħala MDMA) li huma kkontrollati w ristretti bil-liġi taħt it-Tielet Skeda, Parti A, tal-Ordinanza Dwar il- Professjoni Medika w l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha, Kapitolu 31 tal-Liġijiet ta' Malta, **bi ksur tal-Ordinanza Dwar il-mediċini Perikolużi, Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta,** meta ma kellu ebda awtorizzazzjoni w permess bl-imsemmija liġi sabiex ikun fil-pussess ta' l-imsemmija sustanza b'dan li r-reat sar taħt tali ċirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx għall- użu esklussiv tiegħu.

Talab illi jingħamel skond il-liġi kontra l-imsemmi akkużat w illi jiġi kkundannat għal piena ta' għomor il-ħabs u multa ta' mhux inqas minn elfejn tlett mija w tletin Euro (€2330) iżda mhux iżjed minn mija w sittax il-elf u ħames mitt Euro (€116,500) u l-konfiska favur il-Gvern tal- oġġetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta' kull flejjes jew propjeta' mobbli w immobbli oħra tal-persuna hekk misjuba ħatja, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 40A, 120A(1)(a)(2)(a)(i)(2A)(2B) u 121A ta' l-Ordinanza dwar il- Professjoni Medika w l-Professjonijiet li Għandhom x'Jaqsmu Magħha (Kap. 31), ir-regolamenti 2 u 3(1) tar-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Medicini (Avviż Legali 22 ta' l-1985), l-Avvizi legali 77 ta' l-1988 u 183 ta' l-1999, fl-Artikoli 22A, 22B, 22E, 27 u 30 ta' l-Ordinanza dwar il- Mediċini Perikolużi (Kap 101) u fl-Artikoli 17, 23, 25, 31 u 533 tal- Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' skond il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

Rat l-atti kollha processwali, inkluzi l-atti tal-kumpilazzjoni.

Rat ir-Rikors Konguntiv tal-Avukat Generali w tal-akkuzat Jorgen Brincat, tal-4 ta' Marzu, 2010, fejn, wara li ddikjaraw li kienu qed jaqblu fit-termini tal-artikolu 453A(1) tal-Kodici Kriminali li fl-eventwalita' li jkun hemm ammissjoni da parti tal-akkuzat ghall-akkuzi migjuba kontrieh, il-piena li ghandha tigi inflitta fuqu minn din il-Qorti ghandha tkun wahda ta' prigunerija ghal periodu ta'

sitt snin flimkien ma multa ta’ hmistax il-elf Ewro (E15,000) u dan oltre s-sanzjonijiet u konsegwenzi ohra tassattivi ghad-dikjarazzjoni w sejbien ta’ htija ai termini tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika w il-Professjonijiet li Ghandhom x’ Jaqsmu Maghha (Kap. 31) u tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap.101), inkluz ilkonfiska favur il-Gvern tal-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat u ta’ kwalunkwe flejjes u tal-proprjeta’ mobbli w immobbli tal-istess akkuzat; talbu li tigi erogata din il-piena.

Rat illi waqt is-seduta tal-lum, l-akkuzat, mistoqsi jekk huwiex hati skond l-Att tal-Akkuza, wiegeb billi stqarr li huwa kien hati tar-reati hemm dedotti kontra tieghu;

Rat illi wara li l-Qorti wissiet lill-akkuzat b’mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta’ din it-twegiba w taghtu ftit taz-zmien biex jerga lura minnha, kif obbligata li taghmel skond l-artikolu 453 (1) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-akkuzat baqa’ jtenni t-twegiba li huwa kien hati.

Tiddikjara ghalhekk lil akkuzat Jorgen Brincat hati talli :
1) fl-20 ta’ Ottubru, 2005, ghall-habta tal-11.15 p.m., fl-inhawi ta’ tas- Sliema w San Giljan, forna jew pprokura, jew offra li jforni jew jipprokura d-droga kokajina speċifikata fir-Raba’ Taqsima ta’ l- Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi (Kap. 101) lil xi persuna jew għal xi persuna, f’dawn il-Gżejjer jew x’imkien ieħor, jew avża l-imsemmija droga għall-bejgħ, mingħajr ma kellu liċenzja mill-Ministru responsabbli għas-Saħħa w mingħajr ma kien awtorizzat bir-Regoli ta’ l-1939 għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi jew minn xi awtorita’ mogħtija mill-Ministru responsabbli għas-Saħħa li jforni d-droga msemmija, w mingħajr ma kien fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew awtorizzazzjoni għall-esportazzjoni maħruġa mit-Tabib Prinċipali tal- Gvern skond id-dispożizzjonijiet tat-Taqsima VI ta’ l-Ordinanza dwar il- Mediċini Perikolużi, w mingħajr ma kellu liċenzja jew xort’oħra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija, w mingħajr ma kellu liċenzja li jipprokura

l-istess droga, w dana skond l-Ewwel Kap ta' l-Att tal-Akkuza;

2) fl-20 ta' Ottubru, 2005, u matul it-tnax il-xahar ta' qabel, gewwa r- residenza tal-akkuzat, kellu fil-pussess tiegħu d-droga kokajina li għaliha tapplika t-taqsima VI ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi (Kap. 101) u meta' ma' kienx fil-pussess ta' awtoriżazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal- Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI ta' l-Ordinanza dwar il- Mediċini Perikolużi, w meta' ma' kienx bil-liċenza jew xort' oħra awtoriżżat li jimmanifattura jew iforni id-droga msemmija, w ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenza mogħtija mill-Ministru responsabbli għad- dipartiment tas-Saħħa w ma' kienx awtoriżżat bir-Regoli ta' l-1939 għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi jew b'xi awtorita' mogħtija mill-Ministru responsabbli għad-Dipartiment tas-Saħħa lli jkollu dik id- droga fil-pussess tiegħu w dik id-droga ma' ġietx fornita lilu għall-użu tiegħu skond riċetta kif provdut fir-Regoli msemmija, w b'dan li r-reat sar taħt tali ċirkostanzi li juru li dak il-pussess ma' kienx għall-użu esklussiv tiegħu, w dana skond it-Tieni Kap ta' l-Att tal-Akkuza;

3) fl-20 t'Ottubru, 2005 u matul it-tnax il-xahar precedenti, biegħ jew offra biex ibiegħ il- mediċina perikoluża psikotropika Ecstasy kontenenti s- sustanza *Methylenedioxymethamphetamine*, (li hija designer drug magħrufa bħala MDMA) li huma kkontrollati w ristretti bil-liġi taħt it- Tielet Skeda, Parti A, tal-Ordinanza Dwar il- Professjoni Medika w l-Professjonijiet li Għandhom x'Jaqsmu Magħha, (Kapitolu 31 tal- Liġijiet ta' Malta), **bi ksur tal-Ordinanza Dwar il-mediċini Perikolużi, (Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta),** meta ma kellu ebda awtorizzazzjoni w permess bl-imsemmija liġi sabiex ikun fil-pussess ta' l-imsemmija sustanza w dana skond it-Tielet Kap ta' l-Att tal- Akkuza;

4) fl-20 t'Ottubru, 2005 u matul it-tnax il-xahar ta' qabel, kellu fil-pussess tiegħu il-mediċina perikoluża psikotropika Ecstasy kontenenti s- sustanza *Methylenedioxymethamphetamine*, (li hija designer drug magħrufa bħala MDMA) li huma kkontrollati w

ristretti bil-liġi taħt it- Tielet Skeda, Parti A, tal-Ordinanza Dwar il- Professjoni Medika w l- Professjonijiet li Għandhom x'Jaqsmu Magħha, (Kapitolu 31 tal-Liġijiet ta' Malta), bi ksur tal-Ordinanza Dwar il-mediċini Perikolużi, (Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta), meta ma kellu ebda awtorizzazzjoni w permess bl-imsemmija liġi sabiex ikun fil-pussess ta' l-imsemmija sustanza b'dan li r-reat sar taħt tali ċirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx għall-użu esklussiv tiegħu, w dana skond ir-Raba' Kap ta' l- Att tal- Akkuza.

Qieset illi r-reat taht it-tieni Kap tal-att ta' l-akkuza, ghall-fini tal-piena, huwa assorbit fir-reat taht l-ewwel kap ta' traffikar, u li r-reat taht ir-raba' Kap jigi assorbit fir-reat taht it-Tielet Kap tal-Att ta' l-Akkuza, stante li servew bhala mezz ghall-fini biex setghu jigu kommessi r-reati in kwistjoni rispettivi a tenur tal-artikolu 17 (h) tal-Kodici Kriminali, (ara **"Ir-Repubblika ta' Malta vs. Mansour Muftah Nagem"** [31.10.2002] , **"Ir-Repubblika ta' Malta vs. Hasan Omar Ibrahim Farag"** [15.5.2003] u ohrajn).

Peress li, wara li hadet kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, konformement mad-dispozizzjonijiet tal-proviso tal-artikolu 120 (2) (a) (i) u l-proviso (aa) tal-Kap. 31 u l-artikolu 22(2)(a)(i) u l-proviso (aa) tal-Kap.101, u senjatament l-eta' tal-hati, l-kondotta ta' qabel tal-hati, x-xorta w l-kwantita' tat-taghmir jew materjal, u b' mod partikolari f' dan il-kaz il-kwantita' relattivament zghira ta' droga involuta fir-reati w l-fatt li mhux qed jigi addebitat ir-reat kontinwat, ic-cirkostanzi l-ohra kollha tar-reati, kif ukoll sentenzi recenti fejn kien hemm ammissjoni ta' reati simili w fejn il-kwantita' tad-drogi kienet piu' o meno simili ghal dik involuta f'dan il-kaz, hija sodisfatta li l-kombinazzjoni ta' sanzjonijiet u mizuri mitluba huma tali li jkun legittimu illi hija timponi mas-sejbien ta' htija ghar-reati li dwarhom il-hati ammetta l-htija tieghu w peress li ma hemmx raguni ohra skond il-ligi biex din il-Qorti tordna li jitkompla li jsir il-guri tal-kaz, jidher li din il-Qorti ghandha tghaddi biex taghti s-sentenza lilha indikata mill-partijiet.

**B' dana kollu, din il-Qorti xorta wahda thoss li ghandha tosserva li ladarba l-fatti kienu maghrufa lill-**

**Prosekuzzjoni sa' mill-bidu nett tal-process u ladarba fuq l-istess fatti l-Prosekuzzjoni issa tidher li hi sodisfatta li ghandha tinghata piena li taqa' sew entro l-kompetenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, ghar-reati in dizamina, ma jaghmilx sens li hija kellha tintavola Att tal-Akkuza bil-volum ta' xoghol, hela ta' rizorsi umani w stennija inutili li dan igib mieghu sakemm il-kaz ikun imissu t-turn tieghu biex jigi deciz, meta setghet mill-ewwel tordna li l-kaz jigi trattat u deciz minn dik il-Qorti l-ohra sommarjament.**

**Wiehed ghandu ragjonevolment jistenna li meta f' kaz ta' drogi l-Prosekuzzjoni tiddeciedi li tibghat il-kaz biex jigi deciz minn din il-Qorti, u dan taghmlu ghax tkun qed tqies li l-kaz ikun jimmerita piena li teccedi l-ghaxar snin prigunerija ghal kull wiehed mir-reati dedotti u li teskludi l-kompetenza tal-Qorti tal-Magistrati, ghandha mbaghad tkun konsistenti maghha nnifisha w ma tkunx hi stess li, fl-ahhar mument u meta l-kaz jigi appuntat ghas-smiegh bil-gurati, titlob piena inferjuri ghal dik ta' ghaxar snin prigunerija meta sahansitra fl-Att ta' l-Akkuza tkun talbet il-piena ta' ghomor il-habs ghall-erba darbiet!**

**Setghet facilment fi stadju ferm qabel irrikorriet biex tohroq kontro-ordini  biex il-kawza tigi deciza mill-Qorti tal-Magistrati.**

Apparti din il-konsiderazzjoni pero' din il-Qorti thoss li f' dan il-kaz partikolari ghandha taderixxa ghat-talba konguntiva maghmula skond l-artikolu 453A tal-Kodici Kriminali u ghaldaqstant, wara li rat l-artikoli 40A u 120A(1)(a)(f)(2)(a)(i) u l-proviso (aa) (2A)(2B) u 121A tal-Ordinanza Dwar il-Professjoni Medika w il-Professjonijiet li Ghandhom x'Jaqsmu Maghha (Kap. 31), l-artikoli 9, 10(1), 12, 14(1)(5), 20, 22(1)(a)(2)(a)(i) u l-proviso (aa) (3A)(a)(b)(c)(d), 22A, 22B, 22E, 26, 27, 28 u 30 ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101) r–regoli 4(a), 8 u 9 tar-Regoli ta' l-1939 ghall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikoluzi u r-regolamenti 2 u 3(1) tar-regolamenti dwar il-Kontroll tal-Medicini (A.L. 22 tal-1985) u l-A.L. 77

ta’ l-1988 u 183 ta’ l-1999 kif ukoll l-artikoli 17, 20, 22, 23, 25, 31, 453A u 533 tal-Kodici Kriminali,
tikkundanna lill-hati**, Jorgen Brincat** ghall-piena komplessiva ta’ **sitt (6) snin prigunerija** w ghall-**multa ta’ hmistax il-elf Ewro (€15,000),** li, jekk ma jithallsux fi zmien hmistax il-jum mill-lum, jigu konvertiti fi **tnax (12) il-xahar prigunerija ohra** skond il-ligi, kif ukoll tikkundannah ihallas is-somma ta’ seba’ mija w erba’ Ewros u sitt centezmi **(€704.06c),** rapprezentanti l-ispejjez tal-perizji inkorsi f’dan il-process, u dan a tenur tal-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali;

Tordna wkoll il-konfiska favur il-Gvern ta’ Malta tal-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta’ Malta ta’ kull flejjes jew proprjeta’ mobbli w immobbli ohra tal-hati;

Tordna wkoll li jekk l-ispejjez tal-perizji ma jithallsux fi zmien hmistax il-jum mil-lum, jigu konvertiti f' terminu ta' prigunerija skond il-ligi.

Finalment, sakemm l-Avukat Generali ma jindikax b’nota - li ghandha tigi prezentata fi zmien hmistax il-jum mil-lum - li d-droga esebita hija mehtiega in konnessjoni ma xi proceduri kriminali kontra terzi persuni, tordna li d-droga kollha esebita w l-affarijiet li ghandhom x’jaqsmu maghha jigu distrutti a kura tal-ispizjar Mario Mifsud u taht is-sorveljanza diretta tad-Deputat Registratur ta’ din il-Qorti, li ghandu jaghmel verbal ta’ tali distruzzjoni w jgibu a konjizzjoni ta’ din il-Qorti b’nota appozita li kopja taghha tigi notifikata lill-Avukat Generali w lill-hati.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------